**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 784/2015 NHV

Numru fuq il-Lista: 23

**GO p.l.c. – C22334**

**vs.**

**Colour Image Limited – C16281**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' mitejn, disgħa u sittin ewro, sitta u sittin ċenteżmu (€269.66c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40138905*, mogħti mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li s-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, iżda ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal;

Ra n-nota ppreżentata mis-soċjeta` attriċi fis-seduta tat-23 t'Ottubru 2015, illi permezz tagħha hija ċediet is-sorte iżda żammet ferm il-kap tal-ispejjeż.

Ra li t-Tribunal iddiferixxa l-kawża għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż għas-seduta odjerna.

Ra illi l-pagament tas-sorte sar fil-mori tal-kawża.

Ikkunsidra illi s-soċjeta` konvenuta rregolat ruħha fil-mori tal-kawża u wettqet il-pagament mitlub minnha fl-avviż tat-talba. Ikkunsidra li s-soċjeta` attriċi m'għandhiex tbati l-ispejjeż li ġiet kostretta tinkorri sabiex titlob dak dovut lilha skont il-liġi.

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jesprimi ruħu fuq il-mertu tal-kawża, stante li dan ġie ċedut mis-soċjeta` attriċi, jiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-kawża billi jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur